

Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea għadha tistenna implimentazzjoni sħiħa

Statistika uffiċjali ta' min joqgħod fuqha hija fundamentali għat-tfassil ta' politika tajba. L-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tagħha għandu jkun ta' kwalità għolja, ħaġa li tirrikjedi indipendenza professjonali u riżorsi suffiċjenti. Dawn il-prinċipji ewlenin huma għall-qalb il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea. Madankollu, il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) fit-tieni rapport annwali tiegħu lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jgħid li l-implimentazzjoni tal-Kodiċi naqset b'mod ċar.

Ir-rwol tal-ESGAB huwa li joffri ħarsa indipendenti tal-konformità mal-Kodiċi ta' Prattika fis-Sistema Statistika Ewropea u tagħti pariri lill-membri tagħha dwar miżuri li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tagħha. Fi kliem is-Sur Johnny Åkerholm, il-President: "Avvenimenti riċenti wrew li r-riskju għar-reputazzjoni f'pajjiż għandu impatt negattiv fuq il-kredibilità tal-istatistika uffiċjali Ewropea kollha. L-affidabilità tal-istatistika Ewropea tista' tiġi żgurata billi tkun infurzata l-konformità mal-Kodiċi ta' Prattika. Wasal iż-żmien li dan il-proċess jaqbad ritmu aktar mgħaġġel."

Ġew eżaminati tliet prinċipji importanti tal-Kodiċi ta' Prattika – strument li jirregola lill-unifsu: l-indipendenza professjonali, is-suffiċjenza tar-riżorsi u l-impenn fil-kwalità. Waqt li l-ESGAB japprezza l-isforzi fis-Sistema Statistika Ewropea biex tkun konformi mal-prinċipji tal-Kodiċi, iqis li l-progress huwa bil-mod wisq. Barra minn hekk, il-bżonnijiet tal-istatistika qed jiżdiedu fi żmien meta t-tnaqqis fil-baġit nazzjonali jpoġġi l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika uffiċjali taħt tensjoni finanzjarja li qatt ma nħasset qabel.

Ir-rapport jagħti għaxar rakkomandazzjonijiet biex titjieb il-konformità mal-prinċipji tal-Kodiċi, jenfasizza l-qafas istituzzjonali indipendenti u l-integrità tal-maniġment superjuri. L-indipendenza professjonali tal-awtoritajiet tal-istatistika għandha tkun infurzata permezz tal-allinjament tal-leġiżlazzjoni tal-istatistika mal-prinċipji tal-Kodiċi ta' Prattika u r-Regolament dwar l-Istatistika Ewropea 223/2009 kif ukoll permezz ta' iktar trasparenza. Iktar minn hekk, il-liġijiet m'għandhomx jibqgħu biss fuq il-karta imma għandhom jiġu implimentati fil-prattika. Qafas tal-prijoritajiet koerenti u identifikazzjoni ċara tar-riżorsi għad-domandi ġodda tal-istatistika huma meqjusa bħala modi ta' kif tista' tiġi ppreservata l-kwalità tad-dejta.

FI-2011, l-ESGAB se tiffoka aktar fuq kwistjonijiet ta' kwalità u se tevalwa l-bażi legali tagħha fil-każ ta' sitwazzjonijiet fejn l-istatistika uffiċjali ma taqbilx mal-Kodiċi ta' Prattika f'pajjiż singolu u b'hekk tista' tittebba' l-affidabilità tas-Sistema Statistika Ewropea sħiħa.

**Informazzjoni ta' sfond
18 ta' Novembru 2010**

Informazzjoni ulterjuri

Rapport tal-ESGAB għall-2010 b'Sommarju Eżekuttiv dwar il-homepage tal-ESGAB:
<http://ec.europa.eu/esgab/>

Kuntatt għall-assistenza għall-midja

Biex torganizza intervista mal-president tal-ESGAB is-Sur Johnny Åkerholm, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-segretarjat tal-ESGAB: Heli Lehtimäki, estat-esgab@ec.europa.eu tel, +352 4301 36484

Dwar l-ESGAB

Il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) għie stabbilit mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-2008 biex joffri ħarsa indipendenti tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea fis-Sistema Statistika Ewropea. Ix-xogħol tal-ESGAB għandu l-iskop li jtejjeb l-indipendenza professjonali, l-integrità u r-responsabbiltà tas-Sistema Statistika Ewropea, li huma elementi ewlenin fil-Kodiċi ta' Prattika, kif ukoll itejjeb il-kwalità tal-istatistika Ewropea.

L-ESGAB huwa magħmul minn seba' membri. Xogħlu jinkludi t-tnejn ta' rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika sa fejn jirrelata mal-Kummissjoni (Eurostat) u u s-Sistema Statistika Ewropea sħiħa. L-ESGAB jagħti wkoll pariri lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-miżuri addattati biex jiffaċilitaw il-proċess.

Il-kunċetti ewlenin

Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea hija bbażata fuq 15-il prinċipju. L-awtoritajiet governattivi u dawk statistiċi fl-Unjoni Ewropea jikkommettu ruħhom li jżommu mal-prinċipji tal-kodiċi li jkopru l-ambjent istituzzjonali, il-proċessi tal-istatistika u l-outputs. Għal kull prinċipju hemm sett ta' indikaturi ta' prattika tajba li joffri referenza għall-analiżi tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi.

Il-Kodiċi ta' Prattika: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/quality/code_of_practice
Fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha <http://circa.europa.eu/Public/irc/dsis/coded/library?l=/>

Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS): is-sħubija bejn l-awtorità tal-istatistika tal-Unjoni, li hija l-Kummissjoni (l-Eurostat), u l-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra responsabbli f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea. Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/about_eurostat/european_framework/ESS



ESGAB Secretariat
Eurostat - Bech Building
L-2721 Luxembourg
Telephone: (+352) 4301 36484
Telefax: (+352) 4301 30774
E-mail: estat-ESGAB@ec.europa.eu